**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt        Web-Page:www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa'Leġiżlatura

Laqgħa Numru 12/2024

8 ta' Ottubru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**12.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

Is-Sindku qal li peress li l-Perit li kien ser jissottometti l-applikazzjoni ta' Vjal Kulħadd – Proġett Pjazza kien diġa' preżenti, l-Kunsill kien ser jaqbeż għall-item 12.4 fl-Agenda.

**12.4 Vjal Kulħadd – Proġett Pjazza**

Is-Sindku qal li għall-laqgħa tal-Kunsill kien stieden lill-Perit Antoine Zammit u l-assistent tiegħu sabiex flimkien inkunu nistgħu nindirizzaw il-punti li wieħed iħoss għandhom jinbidlu mid-disinn tal-Proġett tal-Pjazza.

Is-Sindku spjega lil dawk preżenti, li  fl-aħħar laqgħa il-Kunsill kien approva Phase 1 tat-Traffic Management minbarra l-għeluq tat-trejqa mill-pjazza għal Triq Dun Ġużepp Caruana li kienet ser tibqa' miftuħa bħala prova.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iltaqa' sabiex jiddiskuti l-emendi tad-disinn tal-proġett tal-pjazza biss sabiex il-Kunsill ikun jista' jitfa' l-applikazzjoni biex isir l-*embellishment* tal-Pjazza taħt l-inizjattiva *Vjal Kulħadd*.

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar pjanti tal-Pjazza li kienu saru meta l-Kunsill tefa' l-applikazzjoni ma'*Projects Green* u qabel  li jsiru xi tibdiliet żgħar.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li l-Perit jissottometti disinn ġdid bit-tibdiliet li kienu ġew diskussi. Wara dawn it-tibdiliet ikunu jistgħu jiġu approvati waqt laqgħa oħra tal-Kunsill li tissejjaħ b'urgenza, sabiex eventwalment il-Kunsill ikun f'pożizzjoni sabiex japplika għal din l-iskema saż-żmien stipulat.

**12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

12.1.1 Is-Sindku spjega li ref punt 11.1. (għassa tal-pulizija) kellu laqgħa mas-Supretendent responsabbli mill-Pulizija tal-Komunita' l-għada tal-laqgħa, u issa se jkun qed jitlob laqgħa oħra mal-Kummissarju tal-Pulizija.

12.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 11.2.3 (bank offrut minn cube plus) il-Kunsill kien iffirma MOU pero' il-Kunsill kien għadu jistenna data meta l-bank għandu jasal.

12.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 11.3.4 (vouchers tal-qtates) il-vouchers kienu qed jitqassmu.

12.1.4 Is-Sindku staqsa jekk ref punt 11.3.20 (play tal-Każin) jekk kellhomx risposta li ser issir il-play. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kienet ikkuntatjat lill-Kap tal-iskola primarja u li kienet qed tistenna risposta. Il-Kunsill qabel li jistenna sal-laqgħa tal-Kunsill ta' Novembru, u li jekk ma ssirx il-fondi jgħaddu fuq il-paġamenti ta' Festa Familja.

12.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 11.3.24 (bank fi Triq il-Kuċċard) fil-garaxx ma kellniex l-istess bank u għalhekk konna ser naraw nistgħux nixtru l-istess disinn minn xi mkien u diġa' konna bagħatna lill-kuntratturi. Is-Sindku qal li għal Triq ta' Rqajja kien hemm wieħed

tal-ħadid fil-garaxx. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-importanti li jeħel bank ma kinitx tagħmel differenza liema tip ikun.

12.1.6 Is-Sindku qal lil-attivita' ref punt 11.7 (Clean Up) kienet saret u rringrazzja lil kull min kien attenda. Huwa spjega li l-Kunsill kien ġabar numru kbir ta' skart goff.

12.1.7 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li ref punt 11.3.25 (tappiera) kien sab kuntrattur wieħed biss li seta' jaqdina. Huwa qal li b'kollox kien hemm bżonn 16-il tappiera, 8 wesgħin 20cm għal prezz ta' €30 filwaqt li 8 ftit iżgħar jiġifieri 15cm għal prezz ta' €25. Il-Kunsill approva li nixtru 16-il tappiera.

**12.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2024 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mal-*Foundation for Wellbeing Society* biex jitwaqqfu Kunsill Lokali tat-Tfal. Huwa qal li l-idea hija li jitwaqqfu Kunsill tat-tfal u stieden lill-Kunsilliera Claire Zammit sabiex tagħti aktar dettalji.

Il-Kunsilliera Claire Zammit spjegat li l-Kunsill tat-Tfal kien immirat għal tfal bejn 6 u 16-il sena u hemm bżonn li nsibu żewġ mentors. Il-Kunsilliera spjegat li l-Kunsill tat-Tfal kien ser jiltaqa' darba fix-xahar u li l-ewwel laqgħa kienet immirata għad-29 ta' Novembru, 2024 bejn l-4:00 u s-6:00 pm. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel li jiprovdi l-post addatat fejn ikun jista' jiltaqa' l-Kunsill tat-Tfal.

12.2.2 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru waqt il-laqgħa tar-Reġjun kienu ddiskutew fost oħrajn il-fondi li l-Kunsill jibbenefika mir-Reġjun. Huwa qal li rigward il-€500 proponuti sabiex issir ir-reċta diġa' ġiet diskussa. Is-Sindku qal li kien hemm €500 oħra li setgħu jintefqu jew f'Cat Shelters jew inkella doggy bins. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nonfqu dawn il-€500 f'doggy bins.

12.2.3 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill seta' jibbenfika mis-somma ta' €3,000 sabiex issir Clean Up maġġuri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ġabret xi kwotazzjoijiet u li l-orħos offerta kienet dik ta' €2550 excl VAT. Il-Kunsill qabel li għandna nmorru għal orħos offerta.

12.2.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru, 2024 il-Kunsill kien iltaqa' mal-Organiser għal Festa Familja. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Joanna Abdilla jekk kelliex konferma b'liema ikel kienu ser jarmaw l-entitajiet tar-raħal. Il-Kunsilliera qalet li mhux kulħadd kien ta d-dettalji biex kien ser jarma pero' kellhom jikkonkludu sal-aħħar tal-ġimgħa.

12.2.5 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mas-Sinj. Rachel Scicluna sabiex il-lokalitajiet taż-Żurrieq, Ħal Kirkop u Ħal Safi jikkollaboraw flimkien biex jinħoloq *Guardian Project*. Is-Sindku spjega li l-idea hi, li t-tfal

ninċentivawhom imorru l-iskola bil-mixi pero' bl-aktar mod sikur. Huwa qal li t-tfal stess ser ikunu mistiedna jtuna feed back sabiex jintlaħaq dan. Is-Sindku qal li aħna bħala kunsill jinħtieġ li nkunu *onboard* minħabba xi inizjattivi li jistgħu jinqalgħu mal-milja tal-proġett. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ningħaqdu f'din l-inizjattiva.

12.2.6 Is-Sindku qal li bħal ma kienu jafu l-Kunsill kien qed jiffaċċja xi problemi minħabba Triq Carmelo Caruana għaliex l-INDIS ma ridux jibqgħu responsabbli tat-triq. Huwa qal li kien ilu żmien twil jressaq l-ilment li din it-triq ma kienx qed isir il-manutenzjoni tagħha u qal li kien issuġġerixxa li Triq Carmelo Caruana tgħaddi taħt entita' governattiva oħra. Huwa kompla jispjega li finalment is-CEO tal-INDIS kien ikkomunika mal-Lands u kienu qed isiru l-arranġamenti sabiex Triq Carmelo Caruana tgħaddi taħt il-Ministeru tat-Trasport bħala triq arterjali/distributorja.

12.2.7 Is-Sindku qal li kien irċieva żewġ talbiet għal żewġ bozoz separatament. Huwa qal li l-ewwel talba kienet fi Sqaq il-Karwija hekk kif iddur il-parti fejn tidjieq it-triq kien hemm parti mudlama, u talba oħra kienet fejn iċ-ċimiterju ukoll kien hemm parti mudlama saħansitra n-nies kienu qed isibu s-siringi mitluqin. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru żewġ bozoz ġodda mal-arbli eżistenti.

12.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni sabiex Triq il-Kenn il-parti d-dejqa tingħalaq għal kollox. Is-Sindku spjega li l-ewwel u qabel kollox il-Kunsill kellu jara kif din it-talba ser tkun qed tirrifletti minħabba t-traffic management u jekk l-isqaq li jagħti mill-pjazza għal Triq Dun Gużepp Caruana kienx ser jibqa' miftuħ qabel tittieħed deċiżjoni. Il-Kunsill iddiskuta u s-Sindku ssuġġerixxa li jsiru tabelli addatti li juru ċar li t-triq mhix wisgħa ħafna u li ma jistgħux jgħaddu trakkijiet ta' ċertu kobor, qabel jieħdu d-deċiżjoni li jingħalaq kompletament l-isqaq. Il-Kunsill qabel.

## 12.3 Tweġijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.3.1 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li wara l-Ġnien ta' Ball jitwaħħal bank sabiex xi anzjani mill-akwati jkunu jistgħu jqattgħu xi ħin flimkien jitkellmu. Il-Kunsill qabel.

12.3.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill setax jaħrat il-maqrut li kien hemm fi Triq Carmelo Caruana quddiem is-Suldati għaliex kien jidher ikraħ ħafna. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu qed jara x'ser jiġri fir-rigward tar-responsabbilita' tal-istess triq mal-INDIS, pero' fl-istess ħin peress li din hija biċċa xogħol żgħira, il-Kunsill qabel li nqabbdu l-kuntrattur tagħna jaħrat din il-parti konċernata.

12.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li kienu qed isiru l-arranġamenti sabiex jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet tal-*Pilates* nhar ta' Ħamis bejn is-7:00pm u t-8:00pm. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naraw x'kien hemm bżonn sabiex isiru dawn il-lezzjonijiet u nitkellmu 'l quddiem.

12.3.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irċieva ilment minn persuna li għandha *double yellow* lines quddiem il-garaxx li jinsab fi Triq Dun Karm Lia (mhux in-naħa tal-*Convenience Shop),* b'konsegwenza li qiegħed jeħel ċitazzjoni meta jipparkja quddiem il-garaxx li qiegħed jintuża bħala store. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma jistax isir parkjar in-naħa li għandu l-garaxx għaliex jekk ikun hemm parkjar ta' karozza man-naħa l-oħra ma jibqax aċċess għall-karozzzi biex jgħaddu mill-istess triq.

12.3.5 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fi Triq ta' Gawhar man-naħa tal-*Convenience Shop* kien hemm parkeġġ ta' mutur li kien tneħħa u minflok tpoġġha n-naħa l-oħra. Is-Sindku qal dan kien sar wara li min ressaq l-ilment u sid il-mutur kienu qablu li *motor cycle bay* jitmexxa għal faċċata, pero' issa kien qiegħed juri x-xewqa li kollox jerġa' jiġi kif kien qabel. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx ser isib oġġezzjoni basta ż-żewġ partijiet jerġgħu jaqblu fuq dan.

12.3.6 Il-Kunsillier Kurt Debono ssuġġerixxa li l-Kunsill jara jistax isir xi ħaġa biex id-dwal mal-art taz-zuntier tal-Knisja Parrokjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jiċċekja kif sar tal-Knisja tal-Mqabba.

12.3.7 Il-Kunsillier Kurt Debono staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq l-airconditioners tas-sala għaliex persuna kienet ċemplet l-agent li għarrafha li kienu daħlu l-spare parts. Is-Sindku qal li huwa kien f'kuntatt mat-teknixin pero' l-parts li kienu daħlu ma kienx tajbin għal airconditioners tagħna u hekk kif jidħlu l-parts tagħna kien ser jiġi jirranġahom mill-ewwel.

**12.5 Approvazzjoni bankini *Framework Agreement*u l-*Public Works***

Is-Sindku qal li flimkien mal-*Contracts Manager* kienu marru jaraw liema kienu l-aktar bankini fi stat ħażin u li kellhom il-bżonn jitranġaw. Is-Sindku semma' l-bankini li għandhom bżonn intervent li huma:

Bankina Triq tal-Ajżar ma' Triq San Gorg
Bankina Triq il-Biedja
Bankina Triq in-Nassaba 1
Bankina Triq Dun Gużepp Caruana
Bankina (titneħħa) Triq Ħajt Ruman
Żewġ bankini Triq it-Torri ta' Gawhar u
Rampa (titranġa) Triq il-Ħajt Ruman ħdejn l-ATM

**12.6 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi korrispondenza.

**12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjonital-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament, inkluż l-aħħar pagamenti relatat mal-iskema SPI/SCI/3/2024 Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa u Cirkulari Numru SPI/SCI/5/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025

**12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru, 2024, fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |